## 56. Kontroll aħjar tal-ħsejjes

Tissaħħaħ il-liġi kontra t-tniġġis mill-ħsejjes u jinbeda servizz ta' *helpline* għal ilmenti mill-pubbliku dwar ħsejjes li jaqbdu dirett ma' awtorità apposta li tista' tieħu passi legali dwar ħsejjes. Isir servizz ta' medjazzjoni f'każi dwar ħsejjes li jinvolvu residenti li jgħixu ħdejn xulxin filwaqt li l-infurzar isir b'koperazzjoni mal-Pulizija. Jittieħdu wkoll miżuri biex jittaffew il-ħsejjes mit-traffiku fit-toroq arterjali.

## 57. Politika dwar l-Enerġija

Fil-qasam tal-enerġija, Gvern Nazzjonalista huwa impenjat li:

i. Jipprovdi enerġija nadifa, irħisa u sigura.

ii. Jgħin lill-konsumaturi jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, responsabbli u sostenibbli.

Il-pjan fit-tul tal-Gvern biex jagħmel l-enerġija tagħna kemm jista' jkun irħisa, nadifa, sigura u sostenibbli, jfisser li:

i. Bnejna estensjoni ta' 150MW fil-power station ta' Delimara li bdiet taħdem fl-aħħar tal-2012 u li hija impjant nadif u aktar effiċjenti li jnaqqas il-livelli ta' emissjonijiet u l-ispiża tal-*fuel*.

ii. Se nlestu l-*interconnector*, li huwa *cable* tad-dawl ta' 200MW imqiegħed taħt il-baħar bejn Malta u Sqallija, sal-bidu tal-2014. Dan se jipprovdi sa 70% tal-ħtiġijiet tal-elettriku tal-pajjiż bla ma jipproduċi ebda emissjoni;

iii. B'finanzjament mill-UE se nibnu *pipeline* tal-gass li jgħaqqad lil Malta ma' Sqallija bil-mira li jkun lest sal-2018, biex jipprovdi l-orħos gass possibbli;

iv. Inlestu l-istallazzjoni ta' *Smart Meters* kullimkien sal-aħħar ta' din is-sena, li permezz tagħhom il-familji u n-negozji jkunu jistgħu jikkonsmaw l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u responsabbli;

v. Inkomplu nżidu l-enerġija minn sorsi rinnovabbli biex ikollna enerġija aktar nadifa filwaqt li kemm id-djar kif ukoll in-negozji jnaqqsu l-konsum u jassiguraw li Malta tagħti s-sehem sħiħ tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

## 58. Introduzzjoni ta' *Night Tariff*

i. Mill-bidu tal-2014, flimkien mal-*Smart Meters*, l-*interconnector* ma' Sqallija se jiftaħ it-triq biex matul il-lejl tiġi introdotta *Night Tariff*. Dan għax se nkunu nistgħu nixtru elettriku bi prezz orħos matul il-lejl direttament minn Sqallija. Dan jinkoraġġixxi l-konsum tal-elettriku mid-djar, negozji u l-industrija f'ħinijiet meta tista' tinxtara enerġija orħos mill-Ewropa.

ii. In-*Night Tariff* se tnaqqas ir-rati preżenti bejn 7% u 26% fil-ħinijiet ta' bejn l-10 p.m. u s-6 a.m. skont il-ħin tal-lejl. Dan iseħħ malli l-*interconnector* ma' Sqallija jibda jaħdem fil-bidu tal-2014 u jiddependi fuq realtajiet tas-suq internazzjonali li jistgħu jolqtu l-prezz tal-enerġija.

## 59. Il-Programm *Empower*

Sa tmiem din is-sena d-djar u n-negozji kollha Maltin għandu jkollhom *smart meter* li jippermetti kontijiet aktar flessibbli u effiċjenti. Bl-*smart meters*, tkun tista' tara kemm qed tikkonsma enerġija jum b'jum u tagħmel il-bidliet meħtieġa. B'dawn il-*meters* ma jkunx hemm aktar ħtieġa ta' kontijiet bi stima.

Nintroduċu numru ta' skemi li jippermettu lill-familji u n-negozji jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u jagħtu aktar opportunitajiet li jipproduċu l-enerġija permezz ta' pannelli fotovoltajċi, hekk kif ġej: